MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 437/2010

**Jeffrey Gauci Grech (I.D. Nru. 0420158M)**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Jeffrey Gauci Grech fit-22 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema jitlob li din il-Qorti tiddikjara l-pretensjonijiet ta' l-Awtorità intimata avvanzati fil-konfront tieghu bis-sahha ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010, bhala infondati u konsegwentement tilliberah mill-obbligu tal-hlas ta' l-ammont komplessiv ta' €1,598.16, li jinkludi multa amministrattiva, bl-ispejjez kontra l-Awtorità intimata;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema filwaqt li tippremetti li r-rikorrenti ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, topponi ghat-talba tar-rikorrenti u

titlob li l-istess tigi michuda ghaliex: (a) ir-rikorrenti jammetti li ma tghax l-avviz rikjest mill-Ligi lill-Awtorità intimata tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni, kif ukoll li ma pprezentax il-licenzja biex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment. Ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhekk, ir-rikorrenti ghadu responsabbli legalment ghall-licenzji dovuti; (b) l-Awtorità intimata ma hijiex, permezz ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010, qed tinterpella lir-rikorrenti ghall-hlas tal-multa amministrattiv u tal-kontravvenzjoni hemm indikati, izda biss wissietu bl-ezistenza taghhom. L-ittra ufficjali imsemmija saret ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-multa amministrattiv u l-kontravvenzjoni ma jistghux ikunu mertu tar-rikors odjern;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti u ta' martu Ivy Gauci Grech moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011, rat id-dokumenti Dok. “A” (l-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010) u Dok. “B” (ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija datata 27 ta' Awissu 2003) annessi mar-Rikors promotur, u semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Bl-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010 ir-rikorrenti gie interpellat ihallas l-arretrati tal-licenza tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAS-438 di proprjetà tieghu, dovuti mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-istess ittra. Ir-rikorrenti gie imwissi wkoll li ai termini tar-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 se tibqa' tigi imposta fuqu multa amministrattiv ta' €2 kuljum ghal kull gurnata li id-dritt tal-licenza jibqa' mhux imhallas, u li fuq il-vettura imsemmija hemm kontravvenzjonijiet mhux imhallsa ammontanti ghal €93.16.

Ir-rikorrenti jopponi ghat-talba ta’ l-Awtorità intimata billi fis-sena 2002, senjatament fl-24 ta’ Settembru 2002, huwa kien ittrasferixxa l-vettura in kwistjoni – ossia Fiat Fiorino – lil terza persuna ghall-iskrappjar, u ghalhekk ma ghandux ikun tenut ihallas id-drittijiet tal-licenza dovuti minn dak iz-zmien ‘l hawn.

L-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort’ ohra ittrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha tagthi avviz lill-Awtorità ta’ dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa’ suggetta ghad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura.*

L-obbligu impost fuq is-sid registrat tal-vettura b’ dan l-artikolu tal-Ligi meta l-vettura tigi trasferita huwa car u ma hemmx lok u htiega ta’ interpretazzjoni ulterjuri. Biex is-sid registrat/venditur jehles mill-obbligi tieghu fir-rigward tal-vettura minnu trasferita, anke jekk ghall-finijiet ta’ skrappjar, ghandu jaghti avviz tat-trasferiment lill-Awtorità intimata **u** jipprezenta l-licenza biex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment. Jekk dan ma jsirx ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi huwa jibqa’ meqjus bhala s-sid, jew wiehed mis-sidien, tal-vettura.

Mill-provi prodotti jirrizulta li fit-23 ta’ Awissu 2003 ir-rikorrenti kien informa lill-Kummissarju tal-Pulizija[1] bit-trasferiment tal-vettura in kwistjoni ghall-fini li din tigi skrappjata, kif ukoll bil-fatt li l-pjanci tal-vettura ma kienux gew ritornati lill-Awtorità intimata ghaliex it-terza persuna, certu “Joe”, li kien akkwista il-vettura naqas milli jaghmel dan, u talab li jittiehdu passi kontra dan l-individwu. Din l-ittra tirrizulta mir-records ta’ l-Awtorità intimata billi l-Pulizija ghadditilha kopja[2].

[1] Dok. “B” anness mar-Rikors promotur.
[2] Vide xhieda moghtija minn Brian Farrugia waqt is-seduta tas-7 ta’ April 2011.

Anke jekk il-Qorti kellha tqis din l-ittra bhala avviz lill-Awtorità intimata ghall-finijiet ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti xorta wahda ma jistax jigi ezonerat mill-hlas tad-drittijiet fuq il-licenza ghaliex dak minnu rikjest mill-Ligi ma giex sodisfatt. In effetti huwa inkontestat li r-rikorrenti ma pprezentax il-licenza tal-vettura biex jitnizzlu fuqha l-partikolartajiet sostanzjali tat-trasferiment.

Element iehor li jimmilita kontra r-rikorrenti huwa l-fatt li l-pjanci tal-vettura intiza li tigi skrappjata ma gewx ritornati lill-Awtorità intimata. Huwa indubbjament fl-interess u obbligu tas-sid registrat tal-vettura – f'dan il-kaz ir-rikorrenti – li l-pjanci taghha jigu ritornati lill-Awtorità intimata ghall-finijiet ta' kancellament tan-numru tar-registrazzjoni u konsegwenti ezoneru tas-sid minn kull obbligazzjoni tieghu ai termini tal-Ligi. Ir-rikorrenti qatt ma kellu jhalli f'idejn terza persuna, partikolarment persuna li ma jafx u ma tatux id-dettalji taghha, biex il-pjanci tal-vettura jigu ritornati lill-Awtorità intimata ghaliex jekk dan ma jsirx, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz, ikun hu, u huwa biss, li f'ghajnejn il-Ligi jrid jbaghti l-konsegwenzi.

Ghalkemm ir-rikorrenti jidher li agixxa b' genwinità, u addirittura b'eccess ta' ingenwità, il-Qorti ma tistax tiddipartixxi minn dak provdut fil-Ligi u tezonerah mill-obbligu tieghu ghall-hlas ta' l-arrertrati tal-licenza. Il-gustifikazzjoni li r-rikorrenti ma kienx konxju mill-fatt li kienet tezisti procedura li l-pjanci jridu jigu ritornati f'kaz li vettura tinbiegh ghall-iskrappjar, ma hijiex legalment sostenibbli u ghalhekk mhux qed tigi accettata.

Ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghalhekk, bhala s-sid registratat tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IAS-438 ir-rikorrenti hu legalment responsabbli ghall-hlas ta' licenzi u/jew arretrati fuq l-istess ai termini ta' l-Artikoli 26 u 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

In fine l-Qorti thoss li huwa opportun li ssir referenza ghar-raba' paragrafu tar-Risposta ta' l-Awtorità intimata li jirrigwarda l-multa amministrattiva a tenur tar-Regolament

14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 u tal-kontravvenzjonijiet mhux imhallsa, imsemmija fl-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2010.

L-Awtorità intimata tikkontendi li ma hijiex, permezz ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Settembru 2010, qed tinterpella lir-rikorrenti ghall-hlas tal-multa amministrattiv u tal-kontravvenzjoni hemm indikati, izda biss wissietu bl-ezistenza taghhom. L-ittra ufficjali imsemmija saret ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-multa amministrattiv u l-kontravvenzjoni ma jistghux ikunu mertu tar-rikors odjern.

Ghalkemm dak rilevat mill-Awtorità intimata huwa korrett, b'zieda ma' dan il-Qorti tosserva li la l-multa amminsitrattiva u l-kontravvenzjoni mhux qed jintalbu bis-sahha tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, dak hemm dispost rigward is-sahha ezekuttiva ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2010, lanqas ma ghandu japplika fir-rigward ta' l-istess multa amministrattiva u kontravvenzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------